**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017**

**App. Nru. 147/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvano Cilia**
**Romina Cachia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmijin Silvano Cilia, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 150275M u Romina Cachia, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 32977M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) **Silvano Cilia** u **Romina Cachia** flimkien, f'dawn il-Gżejjer, nhar-is 7 ta' Novembru 2010:

kellhom fil-pussess tagħhom id-droga erojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżati li jamminfatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess tagħhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li kienet turi li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom;

(2) **Romina Cachia waħidha** f'dawn il-Gżejjer, nhar-is 7 ta' Novembru 2010, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kienet awtorizżata bir-Regoli tal-1939, għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċ ini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) bħala persuna li mhix impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skont xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew iġġorr jew tipprova ġġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7 u 7(a) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) ikkommettiet reat waqt li kienet taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr Lawrence Quintano LL.D. nhar il-5 ta' Frar 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

**(5) Silvano Cilia waħdu** rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2013, fejn dik il-Qorti sabet ħtija fil-konfront ta' l-imsemmijin Silvano Cilia u Romina Cachia u, wara li rat l-artikoli 22 u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta; GN 292/1939; u Taqsima 4 - 6 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll, **fil-konfront ta' Silvano Cilia waħdu:** l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u **fil-konfront ta' Romina Cachia waħidha:** l-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannathom erba'(4) snin u nofs priġunerija kull wieħed minnhom, u għall-ħlas ta' multa ta' €5,000 kull wieħed. Inoltre a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannathom għas-somma ta' €1,888.71 ammontanti spejjeż peritali, maqsuma fis-somma ta' €944.36 kull wieħed;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Silvano Cilia u Romina Cachia ppreżentat fl-4 ta' April 2013, fejn talbu li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn instabu ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom, u minflok tilliberahom minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeci tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedini penali aġġornati ta' l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

> "Fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellanti Cachia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha, a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u ghalhekk sabet htija fiha, bilfors illi bir-rispett kollu, ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha.
>
> "Jibda biex jinghad illi rrizulta ampjament mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, illi l-appellanti Romina Cachia, kienet marret ghal *contact visit* mal-*partner* taghha Silvano Cilia, illi dak iz-zmien kien inkarcerat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hemmhekk hija kienet akkumpanjata bit-tfal. Qabel hija accediet sabiex ikollha l-vista taghha, hija inghatat *search* kif solitament isir fuq kull persuna (illum anke avukat) illi jaccedi gewwa l-Bini tal-Habs, fuq liema ma nstab xejn suspettuz jew illegali tant illi hija thalliet tipprocedi ghal vista b'mod normali. Wiehed jistaqsi kif jista' jkun f'*search* li ssir b'daqshekk mod akkurat fuq persuna, (aktar u aktar meta hawn kien si tratta ta' *contact visit*) ma nstab xejn fuq il-persuna tal-appellanti Romina Cachia, imbaghad jigi allegat illi d-droga li nstabet f'cella li l-anqas hi l-wahda li jokkupa Cilia, kienet ghaddietlu hi. Fil-fatt fl-istqarrija taghha l-appellanti Cachia, cahdet illi hija ghaddiet xi haga lil Cilia fil-vista taghhom, u tghid illi l-unika haga li seta kellha f'idejha kienet cavetta.

“Il-filmat tal-vista bejn l-appellanti u t-tfal, bi *stills* ta’ ritratti mehuda minn l-istess filmat, ukoll gew ezebiti mill-prosekuzzjoni bhala prova fil-konfront tal-imputat. Pero` ghalkemm l-istess inghata certu mportanza, anke minn l-istess Qorti fil-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza, jigi umilment sottomess bla tlaqlieq, illi apparti prova illi l-appellanti kienu fil-vista flimkien, come del resto ammettew huma stess ma jidher xejn suspettuz. Jidher biss filmat ta’ zewg persuni waqt vista. Fil-fatt, PC 1355 George Casha, ukoll ghassa mal-*visiting room*, in kontroezami wkoll ikkonferma li hu ma ra xejn hazin ghaddej bejn iz-zewg appellanti waqt il-*contact visit* taghhom.

“Bir-rispett kollu, wiehed ma jistax ragonevolment jifhem kif l-appellanti Romina Cachia setghet tinstab hatja tal-akkuza hekk migjuba fil-konfront taghha, meta fuq il-persuna taghha ma nstab assolutament xejn fis-*search* li saritilha fil-vista.

“Inoltre, wiehed ma jista’ lanqas jiskarta l-fatt illi mmedjatament wara l-vista ma l-appellanti Cachia, l-appellanti Cilia inghata *strip search* u jerga’ jigi enfasizzat STRIP SEARCH, u fuq il-persuna tieghu ma jinstab xejn!!

“Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi t-tieni *search* fejn instabet is-sustanza llegali, u dan hin konsiderevoli wara l-vista, instabet f’cella illi kif diga` ntqal, lanqas tappartjeni lil Cilia ghax fil-fatt din kienet tintuza sabiex *inmate* gdid jinzamm taht sorveljanza. Ma ngabet ebda prova illi kienet saret xi tfittxija f’din ic-cella, qabel ma l-appellanti acceda fiha. Ghalhekk, ma hemmx prova illi d-droga illi nstabet, kienet xi haga illi Cilia dahlet gewwa l-habs.

“Wiehed jerga’ jistaqsi, kif jista’ jkun fi tfittxija li ssir wara suspett ta’ traffikar ta’ droga minn persuna ghal ohra waqt vista, ma jinstab xejn, u l-Ewwel Qorti xorta sabet lill appellanti Cachia hatja ta’ traffikar ta’ droga?

“Certament illi fil-konfront tal-appellanti Cachia ma kienx hemm provi bizzejjed ghal sejbien ta’ htija, anzi mill-provi li ressqu l-prosekuzzjoni aktar jitqanqlu dubji milli certezzi!

“Anke l-appellanti Cilia, jikkonferma fl-istqarrija tieghu mehuda *a tempo vergine* jikkonferma illi l-appellanti Cachia ma kienet ghaddietlu ebda sustanza, u li fil-fatt is-sustanza li kienet fic-cella, kien sabha hu hemmhekk.

“Aggravju iehor huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, sabet lill-appellanti Cilia hati ta’ pussess aggravat. Bir-rispett kollu jigi umilment sottomess, illi din l-imputazzjoni qatt ma setghet tirrizulta fil-konfronti tieghu, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

“Illi c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, u cioe` li fihom instabet id-droga, la wehidhom u lanqas fl-assjem taghhom ma jissodisfaw il-vot tal-ligi ghal dak li jikkoncerna l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv. Fit-test tal-ligi il-kliem ‘f’tali cirkostanzi illi juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv’ tirreferi ghall-element intenzjonali milli ghal dak materjali. Hekk taht il-Misuse of Drugs Act, 1971 fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa ‘possession with intent to supply’ (Jinghad illi fir-Renju Unit il-posizzjoni legali, ukoll hija differenti minn pajjizna specjalment dak illi jikkoncerna cannabis u ecstasy).

"Ghaldaqstant il-provi u c-cirkostanzi materjali huma rilevanti in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc, u f'dan il-kuntest allura l-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta *beyond reasonable doubt* illi tali persuna mhux biss kellha l-pussess tad-droga izda wkoll l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod li jkun tikkonsenja mill-istess droga.

"Fl-ewwel lok, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio, fejn il-Qorti qalet hekk: 'il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur'.

"Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gerada, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar tas-sena 2007, fejn il-Qorti tal-Appell, irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lill-appellant hati ta' pussess semplici biss:

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:

"**'Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li seba' mill-qratas kienu kwazi identici fit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f'bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda l-imputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f'bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina nstabu wkoll 'xi bicciet tal-foil maqtughin' (pagina 14). Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku 'Soehnle' u maghduda f'daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f'daqqa: (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b'seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f'<u>dan</u> il-paragrafu <u>flimkien</u> hemm bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li l-imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum.'**

"Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero`, jirrizulta illi l-appellant kien *"addicted ghall-marijuana"* u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant.

"Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal

konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista’ *safely and satisfactorily* tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista’ twassal ghal xi suspett hija sufficjenti, u cioe` l-fatt wahdu illi d-droga instabet gewwa l-Habs ta’ Kordin, ma jfissirx illi tali droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l-verzjoni li ta l-appellanti fl-istqarrija tieghu, u cioe` illi dik id-droga kien sabha u gietu kurzita`.

“B’mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghadha ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-appellanti Cilia, wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f’kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b’mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta’ kongetturi u suppozizzjonijiet.

“Inoltre, l-ammont, ghalkemm bhala cirkostanza wahedha mhux prova ta’ pussess mhux ghall uzu eskluzziv, f’dan il-kaz instab biss ammont minimu ta’ droga.

“Rigward l-aggravju ta’ dik li hija piena, jigi umilment sottomess, illi l-appellanti ma setghu qatt jehlu l-istess terminu ta’ perjodu ta’ prigunerija, tenut kont tal-fatt illi l-appellanti Silvano Cilia kellu l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, filwaqt illi l-appellanti Cachia kellha biss ksur ta’ liberta’ kondizzjonata. Il-fedina penali tal-appellanti Cachia hija wahda altrimenti netta, u certament illi ma kellha qatt tigi mposta l-istess piena fil-konfronti tat-tnejn li huma.

“L-appellanti Cachia giet akkuzata kemm bil-pussess semplici, kif ukoll bi traffikar ta’ droga. Dawn huma certament alternattivi ghal xulxin, pero` l-Ewwel Qorti naqset illi tiehu dan il-konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena. Come di fatti ma tghid xejn f’dan ir-rigward.”

**6.** Dan l-appell jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F’dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta’ din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** U bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta’ Mejju 2002: **“Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b’oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli.”**

**8.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti, wara li għaddiet in rassenja l-provi kollha miġbura, qalet hekk:

> **"Certament u bla dubju ta' xejn, fil-pussess ta' Silvano Cilia nstab il-ballun gia` deskritt bil-kontenut kif gie analizzat. Dan instab fuqu darba li wara l-ewwel *strip search* huwa ttiehed ghal aktar osservazzjoni u *strip search* ohra go Division 6. Verament ma ngabet ebda prova li c-cella lilu assenjata f'din id-Divizjoni kienet giet imfittxa minn qabel, pero` tenut kont ta' kif imxew l-affarijiet, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li fil-fatt id-droga misjuba ghand Cilia dahhalha hu f'din ic-cella. Saret prova tax-xhieda okulari u bl-*stills* tal-kuntatt li sar bejn Cilia u Cachia waqt il-*contact visit.* Jidher car Cilia jdahhal u jdawwar idejh fuq wara. Jirrizulta wkoll mix-xhieda mressqa li hu ma kkoperax biex issirlu l-ewwel *strip search,* tant illi beda jitkaxkar mal-hajt, b'rizultat illi ma setghux l-ufficjali jaraw x'kellu fil-warrani. Kumbinazzjoni mbaghad fit-tieni *strip search* hu jsib il-ballun bid-droga. Kemmxejn skuza u storja fjakka li d-Difiza tambret, illi c-cella ma kinitx diga` mfittxija qabel ma ddahhal Cilia fiha!! Ir-*recordings* prezentati mill-pulizija tal-konversazzjoni li saret fil-*Lock-Up* bejn l-imputati, apparti kliem dekorattiv u baxx, juri car l-involviment taghhom it-tnejn.**
>
> **"Issa jirrizulta minn kliem l-istess Silvano Cilia fl-istqarrija minnu rilaxxata fit-8 ta' Novembru, 2010, illi hu ma kellux il-vizzju tad-droga. Jirrizulta mir-relazzjoni ta' Mario Mifsud li l-ammont misjub kien ta' 4.56 grammi eroina, allura tistaqsi din il-Qorti, x'kellu bzonnu dan l-ammont ta' droga ghandu l-Habs Silvano Cilia, aktar u aktar ghalfejn Romina Cachia kellha tohodlu din is-sustanza f'dan l-ammont? Ma tara ebda raguni ohra din il-Qorti jekk mhux biss ghaliex biex din l-eroina ssir negozju minnha fl-ambjent tal-Habs.**
>
> **"Tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg imputati t-tnejn ...."**

**9.** Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-provi kollha miġjuba u rat diversi drabi r-*recording* tas-CCTV fejn jidhru l-appellanti waqt il-*contact visit* li kellhom fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Din il-Qorti se tgħid mill-ewwel illi mir-riżultanzi m'għandha l-ebda dubju illi l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

**10.** L-ewwel nett ir-*recording* jitkellem waħdu. F'punt minnu l-appellanti tidher tniżżel idha l-leminija taħt il-mejda u tagħmel sforzi bħal biex iġġib xi ħaġa minn fuq il-persuna tagħha. Wara li ttella' idejha għal fuq il-mejda u taħbiha b'idejha tax-xellug. Wara ftit tressaq idejha l-leminja lejn l-appellant li b'idu tax-xellug jagħmel mossa biex jaqbad l-id l-leminija ta' l-appellanti u immedjatament wara jdawwar idu x-xellugija għal wara dahru. Dawn il-mossi naturalment qajmu suspett fl-uffiċjali tal-Faċilita` li kien għadda xi oġġett minn id l-appellanti għal id l-appellant. Fil-fatt xi uffiċjali marru minnufih fuq l-appellant u ħaduh f'*search room* biex jagħmlulu *strip search.* Ma rnexxielhom isibu xejn dak il-ħin iżda, bħalma jispjega CO 133 Raymond Theuma, x'ħin

talbuh idur u jitbaxxa, dan beda jħokk la genbha mal-ħajt u ma segwiex dawk l-istruzzjonijiet lilu mogħtija, tant illi minħabba f'hekk huwa ttieħed go *Division 6* biex jiċċekkjawh. Dan hu kkonfermat minn P.C. 1555 George Casha li qal ukoll li meta marru fuq l-appellant fejn kien qiegħed isir il-*contact visit* huwa ra id l-appellant ħierġa mill-qalziet min-naħa ta' wara.

**11.** F'*Division 6* daħlu jagħmlulu *strip search* CO 94 Charles Camilleri u CO 177 Matthew Cilia. CO 94 Charles Camilleri xehed li meta daħlu fiċ-ċella huwa ra lil CO 177 Matthew Cilia imur fuq l-appellant u jżommlu idu. Qal li l-uffiċjal imsemmi qabad id l-appellant, dawru, immanettjah, u ra ballun tond jaqa' minn idejn l-appellant. Iddeskrivieh bħala ballun kannella miksi ġo ballun *tape* iswed. Minn naha tieghu CO Matthew Cilia wkoll ikkonferma li mar jagħmel tfittxija lill-appellant Cilia flimkien ma' CO 94. Qal illi meta talab il-ħwejjeġ lill-appellant, dan tah il-flokk u x-*shorts* f'daqqa. Rah jagħmel moviment u ħassbu ħażin (folio 61a). Xehed illi ra li kien qed iressaq idejh tar-*right* mal-warrani. Xehed illi hawn qallu biex jieqaf, għafsu, illokkjah mal-ħajt, fi kliemu, niżżlu mal-art, u mmanettjah. Hawn sab illi kien hemm qisu ballun roll *tape* iswed hdejn saqajn l-appellant.

**12.** Il-ballun li sabu l-imsemmijin uffiċjali kien effettivament jikkontjeni 4.56 grammi eroina b'purita` ta' ċirka 36.6%.

**13.** Id-difiża ta' l-appellanti Cachia hi li m'għaddiet xejn lill-appellant u li kienet saritilha tfittxija qabel ma daħlet għall-viżita. Id-difiża ta' l-appellant Cilia hi li l-ballun sabu fiċ-ċella f'*Division 6*.

**14.** Kwantu għall-appellanti Cachia ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar in-natura ta' tfittxija li setgħet saritilha qabel ma daħlet għall-*contact visit*. Barra minn hekk ir-*recording* hu elokwenti ħafna. Ta' min jgħid ukoll illi din il-Qorti nnutat illi meta saret tfittxija fir-residenza ta' l-appellanti, instab *aquarium* li kellu *tape iswed* mad-dawra tiegħu, parti mit-*tape* kien maqlugħ u parti kien nieqes. It-*tape* jidher li kien l-istess tip ta' *tape* li fih kienet imgeżwra l-borża bl-eroina.

**15.** Kwantu għall-appellant Cilia, apparti l-elokwenza tar-*recording*, hemm in-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħu meta l-uffiċjali tal-Faċilita` ppruvaw jagħmlulu l-ewwel *strip search* b'mod li ma ħallihomx jagħmlu tfittxija anali, imbagħad l-istorja li l-ewwel Qorti ma qisitx kredibbli – u lanqas din il-Qorti ma tqis verosimili – li l-borża sabha fiċ-ċella f'*Division 6*.

**16.** Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-a*udio recording* tad-diskors li beda jingħad bejn iż-żewġ appellanti meta kienu jinsabu fil-*lock-up* u li din il-Qorti semgħet, diskors fejn l-appellant Cilia beda jgħid lill-appellanti Cachia

x'kellu jingħad fl-istqarrija u fejn anke prattikament heddidha bit-tfal għax kellu lill-*"brother"* fuq barra.

**17.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li ma kellux fi kwalunkwe każ jinstab ħati ta' pussess aggravat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fid-dawl tal-fatt li ma hemm l-ebda prova li turi li l-appellant kien solitament jabbuża mid-droga – anzi ħarsa lejn il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant turi, almenu *prima facie,* il-kuntrarju – l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-imsemmi aggravanti kien applikabbli.

**18.** Kwantu għall-piena, kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser f'diversi sentenzi tagħha, bħala regola hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk din il-piena tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn, oġġettivament riskontrabbli, x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik li effettivament ingħatat[1].

**19.** Issa, meqjus l-ammont ta' droga involuta kif ukoll il-fatt li din iddaħħlet mill-appellanti Cachia u kienet fil-pussess ta' l-appellant Cilia fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, il-piena ta' priġunerija bażi għandha tkun dik ta' tliet snin.

**20.** Fir-rigward ta' l-appellant Cilia, li għandu l-addebitu tar-reċidiva in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju 2002 li permezz tagħha kien ġie kkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, u wara li rat ukoll il-fedina penali tiegħu, huwa l-każ li l-piena tiżdied bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk minn tliet snin titla' għal erba' snin priġunerija.

**21.** Fir-rigward ta' l-appellanti Cachia, huwa minnu li ġiet akkużata wkoll bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 260. Pero` l-artikolu 7(2) ta' dik il-liġi jipprovdi li l-piena għal min idaħħal, *inter alia*, mediċina perikoluża l-ħabs hi ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn tmintax-il xahar kemm-il darba ma jkunx hemm provduta piena ogħla taħt xi liġi oħra. Naturalment il-pieni taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma ogħla. Inoltre l-appellanti Cachia daħħlet id-droga l-ħabs sabiex tgħaddiha ("tittraffikaha") lill-appellant. Għalhekk ir-reat ta' pussess aggravat u dak bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 260 servew bħala mezz għall-fini ta' "traffikar". Konsegwentement, anke in vista ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija applikabbli l-piena kontemplata fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 imsemmi. B'hekk mal-piena ta' tliet snin priġunerija trid tiżdied biss il-piena għar-reati li dwarhom l-appellanti Cachia kienet ingħatat *conditional discharge* bis-sentenza mogħtija

[1] Ara, fost oħrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana*** App. Krim. 3/2/05.

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Frar 2010, liema piena, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi determinata f'dik ta' erba' xhur priġunerija. B'hekk il-piena komplessiva hija ta' tliet snin u erba' xhur.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat liż-żewġ appellanti għall-piena ta' erba'(4) snin u nofs priġunerija kull wieħed minnhom, u minflok tikkundanna lill-appellant Silvano Cilia għall-piena ta' erba' snin priġunerija u lill-appellanti Romina Cachia tliet snin u erba'xhur priġunerija filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.